**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 30 ta' Gunju 2021**

Rikors Numru: 350/20 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 461/1996)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995), hekk kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok "A", u minn dan iż-żwieġ ma twieldu l-ebda tfal.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt insinwat fir-Reġistru Pubbliku fil-11 ta' Mejju 2001 u ffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Rachel Mallia hawn annedd u mmarkat bħala Dok 'B'.

3. Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure u de facto mill-2001 u għaldaqstant ilhom ħafna aktar minn erba’ snin mifrudin.

4. Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li l-manteniment skont il-kuntratt ffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Rachel Mallia fil-paragrafu dwar il-manteniment jiddikjaraw f’ paragrafu 2 illi “Ir-Raġel u l-Mara qegħdin presenzjalment u b’mod definittiv jiddekadu minn kwalunkwe dritt ta’ manteniment mingħand xulxin issa u għall-futur”

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, il-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fit-tmintax (18) ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija ħamsa u disgħin (1995) bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona:

1. Illi l-esponent ma jopponix ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti ghal pronunzjament ta' divorzju bejn il-partijiet, u ghall-hall taz-zwieg ittelebrat bejn il-partijiet fit-18 ta' Mejju 1995, b'dan illi huwa m' ghandux ibati l-ispejjei tal-proteduri odierni.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta’ Ottubru, 2020;

Rat ir-rispsota tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Mejju, 2001;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.